# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-14 ta' Marzu, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 66/2015**

**Saviour Micallef (I.D. 333765 M)**
**u Antoinette Micallef (I.D. 451567 M)**

**vs.**

**L-Avukat Generali u *Bank of Valletta p.l.c.***
**ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat il-21 t'Awwissu, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fit-23 ta’ Mejju, 2010, saret is-subbasta numru 82/09;

1.2. Illi minkejja ordni ta’ frizar tal-assi tar-rikorrenti Saviour Micallef gew mibjughin *animo compensandi* lill-bank intimat id-dar matrimonjali tar-rikorrenti flimkien ma’ ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi;

1.3. Illi dan sar wara talba mill-bank intimat ipprezentata fis-26 ta’ Novembru, 2006, gimgha wara li l-istess bank kien talab ghall-hlas ta’ mitejn u tletin elf, erba’ mija erbgha u hamsin euro u sebgha u erbghin centezmu, (€232,454.47), - xahrejn wara li l-bank intimat kien notifikat bl-ordni ta’ frizar fuq riferit;

1.4. Illi s-suespost sar fl-isfond t’akkuzi ta’ hasil ta’ flus fil-konfront tal-intimat Saviour Micallef;

1.5. Illi d-digriet relattiv tal-iffrizar *de quo* kien ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta’ Settembru, 2009, u fost l-ohrajn, notifikat lil bank intimat, u komunikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku f’Malta u Ghawdex;

1.6. Illi fil-5 ta’ Marzu, 2010, ir-rikorrenti pprezentaw nota fl-atti tal-bejgh bl-irkant *de quo* li permezz tieghu gabu d-digriet ta’ iffrizar tal-Qorti tal-Magistrati a konjizzjoni tal-Qorti Civili u ilmentaw li s-subbasta ma kelliex issir;

1.7. Illi *nonostante* dan, il-qorti pprocediet bil-bejgh tal-proprjetajiet;

1.8. Illi fil-15 t’April, 2010, l-intimat Saviour Micallef ipproceda kontra l-bank intimat u talab li l-bank *de quo* jigi dikjarat li ma setghax jipprocedi bil-bejgh bl-irkant tal-proprjeta` tar-rikorrenti;

1.9. Illi l-qorti in kwistjoni irrespingiet din it-talba *stante* li bejgh bis-subbasta hu wiehed taht l-awtorita` tal-qorti u mhux wiehed volontarju mis-sid tal-istess proprjeta`;

1.10. Illi din it-tezi tal-qorti in prim’ istanza kienet ukoll ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell;

1.11. Illi s-suespost jivvjola d-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrenti kif protett mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), peress:

1.11.1. Illi l-effett tal-ordni ta' frizar sehh meta ma kien ghadu deciz xejn penalment u allura l-intimat Saviour Micallef kien gie gudikat kolpevoli qabel ma dan gie ippruvat;

1.11.2. Illi l-kwistjoni aggravat ruhha bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata d-29 t'April, 2015, li permezz taghha awtorizzat il-bejgh bl-irkant tal-proprjeta` tar-rikorrenti;

1.11.3. Illi dan sar ghal dejn ikkagunat mill-kreditur stess;

1.11.4. Illi r-rikorrenti qatt ma setghu jhallsu l-istess debitu *stante* li l-assi kollha taghhom kienu iffrizati;

1.11.5. Illi ghalhekk kellhom igarrbu piz sproporzjonat meta mqabbel mall-iskop tal-mizuri mehuda;

1.12. Illi s-suespost jivvjola wkoll id-dritt taghhom ghad-dgawdija tal-proprjeta` taghhom kif tutelata mill-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni), peress:

1.12.1. Illi l-bejgh bl-irkant mal-proprjeta` tar-rikorrenti kien illegali u mhux necessarju f'socjeta` demokratika;

1.12.2. Illi kellhom ghalhekk igarrbu piz sproporzjonat meta mqabbel mal-iskop tal-mizuri mehuda;

1.13. Illi bl-ordni ta' frizar *de quo* gie vjolat id-dritt tar-rikorrenti Micallef li jkun prezunt innocenti, u dan, bi ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

1.14. Illi hu ghad jista’ jigi mehlus mill-akkuzi dedotti kontra tieghu;

1.15. Illi minkejja dan, gia` gie penalizzat ghal tali akkuzi billi l-proprjeta` tieghu inbieghet bl-irkant waqt li l-assi tieghu kienu iffrizati;

1.16. Illi konsegwentement in-negozju tieghu twaqqaf u ghalhekk, sab ruhhu li ma jistax ihallas id-debiti tieghu;

1.17. Illi ghalhekk, bl-effett tal-ifrizar, kien gia` meqjus hati;

1.18. Illi kemm -il darba fi tmiem il-kawza kriminali jigi liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u l-assi tieghu jkunu rilaxxati favur tieghu, hu u martu xorta jkunu tilfu darhom, u dan, bla bzonn u bl-agir illegali tal-bank intimat;

1.19. Illi ghalhekk, ghalkemm innocenti, jkunu sofrew piena ghal reat li tieghu r-rikorrenti ma jkunx hati;

1.20. Illi l-mizuri mehuda jirrizultaw ukoll sproporzjonati billi waqt li d-dejn favur il-bank intimat kien jammonta ghal mija u sitta u tmenin elf euro, (€186,000.00), jew ghal mitejn tnejn u tletin elf, erba’ mija erbgha u hamsin euro u sebgha u erbghin centezmu, (€232,454.47), kif allegat mill-bank intimat, il-proprjetajiet li gew mibjugha kienu stmati fl-ammont ta’ tliet mija u hamsa u tletin elf euro, (€335,000.00);

1.21. Illi ghalhekk id-debitu minnhom dovut seta’ jigi saldat bil-bejgh ta’ wahda mill-proprjetajiet involuti biss;

1.22. Illi ghaldaqstant adixxew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.22.1. Tiddeciedi li l-bejgh bl-irkant milqut b’ordni ta’ frizar u d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell datata d-29 ta’ Mejju, 2015, fuq riferiti, jammontaw ghal interferenza fid-dritt ghad-dgawdija tal-proprjeta` tar-rikorrenti in vjolazzjoni:

1.22.1.i. Tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

1.22.1.ii. Tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni;

1.22.1.iii. Tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni kif mahsub fil-Kap 379;

1.22.2. Tannulla, thassar, u tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fuq indikata;

1.22.3. Tinnega l-bejgh bl-irkant fuq riferit u tpoggi lir-rikorrenti fl-i*status quo ante* ta' qabel ma saret il-vjolazzjoni in dizamina;

1.22.4. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa jew tizgura t-twettieq tad-dritt ghad-dgawdija tal-proprjeta` li ghalih huma intitolati r-rikorrenti, izda mhux limitat ghall-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas ta' kumpens ghall-vjolazzjoni imsemmija;

2. Rat id-digriet taghha datat il-25 t'Awwissu, 2015, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta datata l-14 ta' Settembru, 2015, li permezz taghha l-bank intimat irrisponda sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 12):

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li l-fatti esposti ma jaghtux lok ghal xi lanjanza ta' natura kostituzzjonali;

3.2. Illi ghandhom jigu allegati l-atti rilevanti imsemmija mir-rikorrenti;

3.3. Illi l-fatti kif esposti mir-rikorrenti huma zbaljati;

3.4. Illi in effetti l-fatti *de quo* jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

3.4.1. Illi sa mill-1996 ir-rikorrenti inghataw facilitajiet bankarji, kemm f'isimhom proprju u ghan-nom tas-socjeta` taghhom *"The Veg Point Limited"*;

3.4.2. Illi sussegwentement waqghu serjament lura fil-pagamenti;

3.4.3. Illi rizultat ta' dan fl-2006 ir-rikorrenti ikkostitwew ruhhom veri, certi, likwidi debituri tal-bank intimat fis-somma ta' mija u erbgha u tletin elf, disa' mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (Lm134,975.55), ekwivalenti ghal tliet mija u erbatax -il elf, erba' mija u tmenin euro u hamsa u erbghin centezmu, (€314,480.45), u tmienja u ghoxrin elf, tliet mija u disgha u sebghin Lira Maltin u tmintax -il centezmu, (Lm28,379.18), ekwivalenti ghal sitta u sittin elf mija u hames euro u wiehed u sebghin centezmu, (€66,105.71), salv imghaxijiet mill-2006 sal-pagament effettiv, (ara foll 18 u 21);

3.4.4. Illi fl-2009, meta saret is-subbasta, d-debitu tar-rikorrenti kien jammonta ghal aktar minn hames mitt elf euro, (€500,000.00);

3.4.5. Illi ghalhekk id-debitu *de quo* kien ferm aktar mit-€335,000.00 dikjarat mir-rikorrenti, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa u ghoxrin, (1.20.) aktar qabel;

3.4.6. Illi kien biss fit-23 t'April, 2008, li l-bank intimat intavola l-ittra ufficjali ghall-pagament lilhu dovut mir-rikorrenti;

3.4.7. Illi *stante* li minkejja l-ittra ufficjali *de quo* ir-rikorrenti baqghu inadempjenti, il-bank intimat kellu jistitwixxi l-proceduri tas-subbasta fis-26 ta' Novembru, 2009;

3.4.8. Illi kien in-nuqqas ta' pagamenti mill-2006 sal-2009 tar-rikorrenti li wassal lill-bank intimat biex

jintavola l-proceduri ta' subbasta u mhux l-ordni tal-iffrizar;

3.4.9. Illi minkejja li fl-24 ta' Settembru, 2009, inhareg l-ordni tal-iffrizar in kwistjoni, r-rikorrenti m'ghamlu xejn biex iwaqqfu l-proceduri hekk inizzjati hlief li pprezentaw nota li fiha indikaw li kien hemm ordni ta' iffrizar;

3.4.10. Illi kien biss wara li fit-23 ta' Marzu, 2010, li sar il-bejgh bis-subbasta in kwistjoni li r-rikorrenti inizjaw proceduri gudizzjarji biex jattakkaw is-subbasta;

3.4.11. Illi l-proceduri *de quo* kienu terminati b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata d-29 ta' Mejju, 2015;

3.4.12. Illi kemm in prim' istanza kif ukoll in appell it-talbiet tar-rikorrenti kienu respinti billi l-bejgh in subbasta mhux ekwivalenti ghal trasferiment ta' proprjeta` mir-rikorrenti izda hu bejgh taht l-awtorita` tal-qorti;

3.5. Illi ghalhekk mhux minnu li s-subbasta saret ghaliex ir-rikorrenti kienu fl-impossibilita` li jittrasferixxu l-proprjeta` taghhom izda, semplicement ghaliex ir-rikorrenti baqghu ma jhallsux id-debitu taghhom ghal snin shah, anke wara li kien ipprezentat ir-rikors ghall-bejgh tal-proprjeta` in kwistjoni bis-subbasta;

3.6. Illi kien biss fl-24 ta' Settembru, 2009, li incidentalment inhareg l-ordni tal-iffrizar fil-konfront tar-rikorrenti;

3.7. Illi r-rikorrenti ma jistghux, bl-iskuza tal-ordni tal-iffrizar, iwaqqfu proceduri ezekuttivi necessitati minhabba n-nuqqas taghhom li jhallsu l-ammont minnhom dovut lill-bank intimat;

3.8. Illi ghalhekk ma jistghux jilmentaw min-nuqqas ta' smigh xieraq *stante* li intavolaw ukoll procedura li kienet ukoll deciza in appell, biex b'hekk kellhom kull opportunita` jivventilaw il-lanjanza taghhom;

3.9. Illi lanqas jistghu jilmentaw li kien vjolat id-dritt taghhom ta' tgawdija ta' proprjeta` kif sancit fl-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni *stante* li l-irkant kien skont il-ligi;

3.10. Illi kull ma jridu r-rikorrenti hu li jibqghu jiddetjenu proprjeta` li hi tal-bank intimat li ilha hekk mill-2010;

3.11. Illi hu l-bank intimat li qieghed isofri mill-atitudini tar-rikorrenti billi qed jigu ippregudikati d-drittijiet tieghu;

3.12. Illi mhux korrett li jsiru dan it-tip ta' proceduri bi pregudizzju ghall-bank kreditur intimat;

3.13. Illi l-istess rikorrenti ipprezentaw protest gudizzjarju datat il-31 t'Awwissu, 2015, (ara foll 25), fejn qed isosstnu li pendenti dawn il-proceduri m'ghandhomx jigu zgumbrati mill-proprjeta` li issa ilha proprjeta` tal-bank intimat mill-2010;

3.14. Illi ikun x'ikun l-ezitu tal-procedura rigwardanti l-hasil ta' flus, il-fatt jibqa' li sad-data meta inbdew il-proceduri tas-subbasta r-rikorrenti kien ilhom ghal snin shah inadempjenti fil-hlas minnhom dovut lill-bank intimat;

3.15. Illi kienet biss din ir-raguni esklussiva li ghalih ittiehdu l-proceduri bis-subbasta;

3.16. Illi in vista tal-premess ir-rikors promotur ghandu jigi respint bl-ispejjez;

4.0. Rat ir-risposta datata l-15 ta' Settembru, 2015, li permezz taghha l-intimat Avukat Generali sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

4.1. Illi l-vertenza odjerna hi *res judicata stante* decizjoni finali fir-rigward moghtija mill-Qorti tal-Appell datata d-29 ta' Mejju, 2015;

4.2. Illi r-rikors promotur odjern hu biss riproponiment tal-istess vertenza hemm deciza;

4.3. Illi din il-qorti ghandha tiddeklina milli tisma' l-azzjoni odjerna *ai termini* tal-artiklu 4 (2) tal-Kap 319 *stante* li:

4.3.1. Il-qorti odjerna ma tiddecidix kwistjonijiet taht il-ligi ordinarja; u

4.3.2. Jekk qrati ohra applikawx il-ligi ordninarja korrettement;

4.4. Illi ghandhom jigu allegati l-atti tal-proceduri finalment decizi in appell fid-29 ta' Mejju, 2015;

4.5. Illi fil-mertu jissottometti sintetikament is-segwenti:

4.5.1. Illi jopponi ghat-talbiet tar-rikorrenti;

4.5.2. Illi ma sar l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali *ai termini* tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artiklu 6, u/jew l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

4.5.3. Illi l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jippresupponu li jkun hemm tehid forzuz tal-proprjeta` u li ma jkunx hemm kumpens xieraq;

4.5.4. Illi fil-kaz in dizamina, mid-decizjoni in appell fuq riferita, jirrizulta li gew intavolati proceduri civili mir-rikorrenti kontra l-bank intimat fejn l-ezitu tal-istess kien kontra r-rikorrenti;

4.5.5. Illi s-subbasta in dizamina saret in ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ottenut mill-bank intimat – haga li ma taqax fl-ambitu tal-kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali sollevati;

4.5.6. Illi l-kaz in dizamina mhux kaz ta' tehid ta' proprjeta` minghajr kunsens *stante* li bis-subasta *de quo* ser jigu onorati l-obbligi li r-rikorrenti ghandhom mal-bank intimat u allura r-rikorrenti ma jibqawx debituri lejn l-istess bank;

4.5.7. Illi ghalhekk l-interpretazzjoni li r-rikorrenti qed jaghtu ghall-fatti in dizamina hi skorretta;

4.5.8. Illi jichad li hemm vjolazzjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

4.5.9. Illi permezz ta' din il-procedura r-rikorrenti qed jittentaw *terzo appello* mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell li illum hi *res judicata*;

4.5.10. Illi ghalhekk ma jistax jinghad li r-rikorrenti ma kellhomx l-opportunita` jiddefendu l-kaz taghhom anke fl-istadju tal-appell;

4.5.11. Illi fil-fatt xejn ma jindika fir-rikors promotur li r-rikorrenti ma kellhomx l-opportunita` li jressqu l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward u m'inghatawx smigh xieraq u/jew li l-qrati kkoncernati ma kienux imparzjali u indipendenti u/jew iddecidew b'mod irregolari jew mhux skont il-ligi;

4.5.12. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jitolbu kumpens minhabba l-inadempjenza taghhom stess kif naxxenti mill-obbligi minnhom assunti mal-bank intimat;

4.5.13. Illi ghalhekk m'huma dovuti l-ebda danni lir-rikorrenti, u jekk *se mai* dan ikun il-kaz, dikjarazzjoni ta' ksur tkun sufficjenti;

4.6. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

4.7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4.8. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Settembru, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati kif aderita mill-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, awtorizzat l-allegazzjoni tal-atti tal-kaz fl-ismijiet Saviour u Antoinette konjugi Micallef vs. *Bank of Valletta*

*p.l.c.* flimkien mal-atti relattivi ghas-subbasta, (ara foll 75);

6. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 139);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-28 ta' Lulju, 2017, (ara foll 142), flimkien man-nota tal-bank intimat datata l-11 ta' Settembru, 2017, (ara foll 154), u dik tal-intimat Avukat Generali datata s-16 t'Ottubru, 2017, (ara foll 175);

8. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-intimat Avukat Generali tittratta l-kaz, (ara foll 190);

9. Tirrileva li meta l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti dehret fl-istess udjenza rizervata ghat-trattazzjoni orali tal-kaz iddikjarat li ma kellha xejn x'izzid man-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata f'isem ir-rikorrenti, (ara foll 190);

10. Tirrileva wkoll li l-abbli rapprezentanti legali tal-bank intimat, ghalkemm imsejjah diversi drabi, lanqas deher ghall-udjenza hekk rizervata ghall-imsemmija trattazzjoni finali tal-kaz, (ara foll 190);

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti* u l-atti annessi fuq indikati;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. Illi r-rikorrenti inghataw facilitajiet bankarji mill-bank intimat kemm f'isimhom proprju u f'isem *The Veg Point Limited* sa mill-1996;

13.2. Illi r-rikorrenti waqghu lura fil-pagamenti minnhom dovuti lill-bank intimat;

13.3. Illi permezz ta' kuntratti datati l-1 ta' Dicembru, 2006, (ara foll 18 u 21), ir-rikorrenti ikkostitwew irwiehom veri, certi, likwidi debituri tal-bank intimat, (ara wkoll paragrafu numru tlieta punt erbgha punt tlieta, (3.4.3.), aktar qabel);

13.4. Illi *nonostante* li l-bank intimat interpella lir-rikorrenti permezz t'ittra ufficjali datata t-23 t'April, 2008, lilhom notifikata fit-30 tal-istess xahar, biex jeffettwaw il-pagamenti minnhom duvuti, dawn baqghu inadempjenti;

13.5. Illi konsegwentement il-bank intimat kien kostrett jibda l-procedura tas-subbasta fis-26 ta' Novembru, 2009, (ara l-atti tas-subbasta fl-ismijiet *Bank of Valletta p.l.c.* vs. Saviour Micallef *et*, Numru 82/09);

13.6. Illi *di piu`* jirrizulta li ttiehdu proceduri ta' natura kriminali kontra r-rikorrenti Saviour Micallef rigwardanti irregolaritajiet li sehhew fid-Dipartiment tal-*V.A.T.*, (ara foll 81);

13.7. Illi fil-kors tal-istess proceduri fuq indikati ittiehdu proceduri ohra fil-konfront tal-istess rikorrenti Saviour Micallef rigwardanti hasil ta' flus, frodi, korruzzjoni, "*trading in influence*", dikjarazzjonijiet foloz, u akkuzi ohra relatati mal-V.A.T., (ara foll 81);

13.8. Illi in vista tal-istess b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, datat id-9 ta' Settembru, 2009, inhareg ordni ta' iffrizar kontra l-istess rikorrenti Saviour Micallef *ai termini* statutorji hemm indikati, (ara foll 118 u 119);

13.9. Illi fis-26 ta' Novembru, 2009, il-bank intimat kien kostrett jiftah proceduri tas-subbasta kontra r-rikorrenti *stante* li dawn baqghu qatt ma hallsu l-ammont minnhom lilhu dovut, (ara foll 123);

13.10. Illi l-bejgh bis-subbasta gie appuntat u konkluz fit-23 ta' Marzu, 2010, (ara foll 123);

13.11. Illi l-bank intimat tefa l-oghla offerta *animo compensandi* ghad-dar u ghalqa proprjeta` tar-rikorrenti li ghalhekk gew liberati favur tal-istess bank, (ara foll 123);

13.12. Illi minkejja tali liberazzjoni l-proprjetajiet indikati fil-paragrafu precedenti baqghu jigu okkupati mill-istess rikorrenti – ghalkemm issa minghajr titolu, (ara foll 124);

13.13. Illi fit-23 ta' Marzu, 2010, sar il-bejgh tal-istess proprjetajiet bis-subbasta, (ara foll 124 u 125);

13.14. Illi fis-7 t'April, 2010, il-bank intimat kien kostrett jintavola mandat ta' zgumbrament fil-konfront tar-rikorrenti, (ara foll 155);

13.15. Illi rinfaccati bis-suespost ir-rikorrenti aderew il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-4 t'Ottubru, 2011, biex jattakkaw il-bejgh in subbasta in kwistjoni, liema procedura giet finalment determinata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata d-29 ta' Mejju, 2015, (ara rispettivament foll 48 u 68 fl-atti tac-Citazzjoni Numru 370/2010 fl-ismijiet Saviour Micallef et vs. *Bank of Valletta p.l.c.* annessi mall-atti tal-procedura odjerna), li issa ghaddiet in gudikat;

13.16. Illi konsegwenza tal-istess proceduri indikati fil-paragrafu precedenti l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti odjerni kienu puntwalment respinti;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi epurat is-suespost issa hu ghaqli li jigu l-ewwel determinati t-tliet (3) **eccezzjonijiet preliminari** sollevati mill-intimat Avukat Generali, senjatament:

**L-Eccezzjonijiet Preliminari:**

14.1. Illi l-vertenza odjerna hi *res judicata*: (ara paragrafu numru 15, (15.), aktar 'l quddiem);

14.2. L-ezawriment tar-rimedji ordinarji: (ara paragrafu numru ghoxrin, (20.), aktar 'l quddiem);

14.3. L-Allegazzjoni tal-Atti hemm mitluba: (ara paragrafu numru hamsa u ghoxrin, (25.), aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

**A. Res Judicata:**

15. Illi permezz ta' din l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari l-intimat in dizamina jeccepixxi li l-vertenza odjerna hi *res judicata* in kwantu l-mertu odjern jikkoncerna vertenza civili li gia` giet definittivament epurata b'sentenza finali moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 2015, (ara paragrafu numru tlettax punt hamsa (13.5.) aktar qabel);

16. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)** fl-ismijiet **John Camilleri vs. Avukat Generali**, datata s-**27 ta' Frar, 2012,** li ssottolineat is-segwenti:

> "Illi fil-kawza fl-ismijiet **Don Vincenzo Galea *noe.* vs Luigi Camilleri** deciza nhar il-**15 ta' Frar 1957** mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili**, gie ritenut li "**wiehed mill-elementi tar-"res judicata" hija l-"*eadem causa petendi*".** Illi il-Professur Caruana Galizia f' "*Notes on Civil Law*" jispjega li l-*causa pentendi* hi "***the title on which the demand is based***". Illi ghalhekk, dan huwa t-titlu, cioe`, l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Dan l-element jirrikjedi li '*the cause of the claim*' kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-*causa petendi* hi '*the title on which the demand is based*';

> “Illi ghalhekk sabiex il-kundizzjoni ta’ l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b’sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` ta’ motivi tal-‘*causa petendi*’”;

17. Illi jigi osservat li filwaqt li d-decizjoni finalment deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Mejju, 2015, kienet intiza biex jigi dikjarat li l-intimat hemm indikat ma setghax jipprocedi bil-bejgh bl-irkant tal-proprjetajiet indikati u li allura l-bejgh bl-irkant *de quo* Numru 82/09 kien konsegwentement irritu u null, min-naha l-ohra l-procedura odjerna hi ta’ natura kostituzzjonali intiza biex tistharreg drittijiet fundamentali *stante* l-allegati vjolazzjoni ta’ smigh xieraq kif tutelat mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, u l-vjolazzjoni tad-dritt ta’ tgawdija tal-proprjeta` kif protett mill-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

18. Illi konsegwentement jirrizulta pacifiku li d-domanda imressqa bil-procedura odjerna mhix l-istess bhal dik finalment deciza fl-appell fir-rigward, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-*causa petendi* hi l-istess bhal dik fuq indikata;

19. Illi konsegwentement, din l-ewwel eccezzjoni hekk sollevata mill-intimat Avukat Generali tigi respinta;

Ikkunsidrat:

B. **L-Ezawriment tar-Rimedji Ordinarji:**

20. Illi permezz ta’ din it-tieni (2) eccezzjoni preliminari l-intimat in dizamina jeccepixxi n-nuqqas t’ezawriment ta’ rimedji ordinarji daparti tar-rikorrenti;

21. Illi f’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **George Spiteri *et*** vs. ***Policy Manager* tal-*Malta Shipyards* fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni *et***, datata s-**27 ta’ Marzu, 2015**, li ssottolineat is-segwenti:

> "... tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza imsemmija ta' **Brincat *and Others* vs Malta** din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi kif issa zviluppaw ma hux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jezercitaw is-setghat taghhom kif previst fl-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti";

22. Illi konsegwentement, din it-tieni (2) eccezzjoni hekk sollevata mill-intimat Avukat Generali ghandha tigi respinta;

23. Illi di piu`, in vista tad-direzzjoni hekk indikata, ghandu jkun pacifiku li din it-tezi tal-intimat Avukat Generali m'ghadiex aktar tenibbli u jkun ferm ghaqli li l-istess intimat jiddesisti milli jkompli jostina ruhhu u jibqa' jipprezenta din l-eccezzjoni preliminari stante li bis-sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu fuq riferita, din giet issa konsenjata lill-istorja;

24. Illi in vista tas-suespost jirrizulta wkoll pacifiku li r-raba (4) eccezzjoni preliminari sollevata mill-bank intimat ghandha ghalhekk tigi wkoll respinta;

Ikkunsidrat:

C. **L-Allegazzjoni tal-Atti Mitluba:**

25. Illi din l-istess eccezzjoni preliminari giet sollevata kemm mill-intimat Avukat Generali, (ara foll 33) kemm mill-bank intimat, (ara foll 12);

26. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghad-digriet taghha datat is-16 ta' Settembru, 2015, fejn it-talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati kif aderita minn dak tar-rikorrenti hemm indikata kienet milqugha, (ara foll 75 u paragrafu numru hamsa (5), aktar qabel);

27. Illi kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Gunju, 2017, jirrizulta li l-atti in dizamina gew debitament prodotti *in atti*, (ara foll 139), u

konsegwentement din il-qorti m'ghandha xejn aktar x'izzid fir-rigward;

Ikkunsidrat:

**Il-Mertu:**

28. Illi epurati l-kwistjonijiet preliminari fuq elenkati jmiss issa li jigi analizzat il-mertu tal-procedura odjerna;

29. Illi essenzjalment dan jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti li bl-ordni t'iffrizar li l-proprjetajiet in kwistjoni kienu kolpiti, bih il-bejgh sussegwenti bis-subbasta tal-istess, ikkonfermat bis-sentenzi in prim' u in sekonda istanza kif fuq riferit, kien jammonta ghal interferenza fid-dritt fundamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta`;

30.0. Illi ghalhekk gew lezi d-drittijiet taghhom kif sanciti:

30.1. Fl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni, (ara paragrafu numru wiehed u tletin, (31.), aktar 'l quddiem);

30.2. Fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, (ara paragrafu numru tmienja u tletin, (38.), aktar 'l quddiem);

30.3. Fl-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, (ara paragrafu numru tnejn u hamsin, (52.), aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

**A. L-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni:**

31. Illi l-artiklu *de quo* jistipula s-segwenti:

> "(1) Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist";

32. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Neil Carter u martu Susan, ghal kwalsijasi interess li jista' jkollha vs. L-Onorevoli Prim Ministru *et***, datata t-**30 ta' Novembru, 2011**, li f'dan ir-rigward sosstniet is-segwenti:

> "Illi l-provvedimenti tal-artiklu tal-Kostituzzjoni jidher li jitkellmu dwar it-tehid ta' pussess b'mod obbligatorju u mhux dwar xi ghamla ohra ta' tnaqqis tal-istess pussess. Kif inghad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-harsien li jaghti l-artikolu relattiv taht il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun hemm tnehhija jew privazzjoni tal-proprjeta` jehtieg jintwera li din tkun sehhet b'effett dirett ta' xi ghamil tal-istat u li ma jkunx bizzejjed li jkun hemm indhil jew cahda tad-dritt tad-dgawdija pacifika tal-istess proprjeta` bhala rifless ta' ghemil bhal dak";

33. Illi ghandu wkoll jirrizulta pacifiku li *oltre* s-suppost tkun sehhet lezjoni tal-artiklu tal-Kostituzzjoni in dizamina kemm – il darba it-tehid tal-pussess tal-proprjeta` in dizamina ma jkunx akkumpanjat bi hlas ta' kumpens xieraq;

34. Illi ghalhekk, kemm -il darba t-tehid in dizamina ma jkunx imhares statutorjament, u l-persuna involuta li tippretendi l-kumpens hemm indikat ghat-tehid tal-istess proprjeta` ma ssibx rimedju quddiem qorti, inkluz id-dritt t'appell, hawn ukoll ikun hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali kif sanciti fl-istess artiklu 37 tal-Kostituzzjoni fuq riferit;

Ikkunsidrat:

35. Illi minn ezami tal-fatti li irrizultaw f'din il-procedura jirrizulta li l-agir li minnu jilmentaw ir-rikorrenti effettivament ma sehhx b'effett dirett ta' xi eghmil tal-Istat;

36. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-artiklu in dizamina mhux applikabbli;

37. Illi in vista tal-premess ghandha ghalhekk tigi akkolta l-ewwel (1) eccezzjoni fil-mertu tal-bank intimat (ara foll 14), flimkien

mat-tieni (2) eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-intimat Avukat Generali, (ara foll 72 u 73);

Ikkunsidrat:

**B. L-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni:**

38. Illi fir-rigward tal-procediment gust kif sancit mill-artiklu tal-Konvenzjoni indikata taht dan il-Kap, dan l-artiklu jistabbilixxi s-segwenti:

> "1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi";

39. Illi permezz li sar il-bejgh bl-irkant tal-proprjeta` taghhom, ir-rikorrenti qed jippremettu li gie lez l-imsemmi artiklu tal-Konvenzjoni fil-konfront taghhom;

40. Illi jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti kellhom id-debitu kospikwu fuq indikat favur il-bank intimat;

41.0. Illi irrizulta debitament assodat li s-subbasta li minnha jilmentaw ir-rikorrenti giet esegwita unikament:

41.1. Wara diversi snin li l-istess rikorrenti damu jeludu l-esekuzzjoni ta' dan l-obbligu taghhom fir-rigward; u

41.2. Unikament biex taghmel tajjeb ghall-istess debitu li huma akkumulaw matul l-istess snin fil-konfront tal-bank intimat;

42. Illi jigi sottolineat li l-istess rikorrenti kienu inghataw facilitajiet bankarji sa mill-1996;

43. Illi irrizulta li wara li r-rikorrenti waqghu serjament lura fil-pagamenti minnhom dovuti lill-bank intimat, kien biss fl-2006 li finalment ikkostitwew ruhhom veri, certi, u likwidi debituri tal-istess bank;

44. Illi kien ukoll biss fit-23 t'April, 2008. li l-bank intimat irreagixxa u intavola l-ittra ufficjali numru 1151/2008 biex jirrendi l-istess debitu ezekuttiv;

45. Illi kien biss wara li kienu ezawriti l-proceduri gudizzjarji civili appoziti li finalment wassal biex il-proprjetajiet tar-rikorrenti jinbieghu bil-procedura tas-subbasta;

46. Illi kien biss f'dan l-istadju li r-rikorrenti irreagixxew izda l-lanjanzi taghhom gew respinti l-ewwel b'sentenza in prim' istanza datata l-4 t'Ottubru, 2011, u in appell b'sentenza datata d-29 ta' Mejju, 2015;

47. Illi *di piu`* jigi wkoll sottolineat li *nonostante* l-allegazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-Kap hawn in dizamina, ezami akkurat tar-rizultanzi imressqa fil-procedura odjerna jindikaw li fil-fatt l-istess rikorrenti ma ressqu l-ebda prova in sostenn tal-istess allegazzjoni taghhom;

48. Illi ghalhekk ir-rikorrenti naqqsu jippruvaw li huma ma kellhomx smigh xieraq fil-proceduri quddiem il-qorti li ordnat il-bejgh tal-proprjeta` taghhom bis-subbasta;

49. Illi in vista tal-premess, jirrizulta assodat li ghal kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti, gie debitament ipprovat li l-proceduri kondotti mill-bank intimat fil-konfront tal-proceduri tas-subbasta minnu kondotti kontra r-rikorrenti odjerni ttiehdu regolarment abbazi tal-ligi in dizamina minhabba n-nuqqas ta' hlas tal-ammonti lilhu dovuti mir-rikorrenti li kienu ilhom allura jakkumulaw diversi snin;

50. Illi konsegwentement, il-lanjanza tar-rikorrenti li kien hemm vjolazzjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront taghhom ma tirrizultax ippruvata *stante* li ma giet ippruvata l-ebda illegalita` fil-proceduri tas-subbasta numru 82/2009 jew fl-azzjoni civili intrapriza mill-istess rikorrenti kontra l-bank intimat permezz tac-Citazzjoni Numru 370/2010 li ghaddiet in gudikat wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell datata d-29 ta' Mejju, 2015, fuq gia` riferita;

51. Illi konsegwentement din it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

## C. L-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni:

52. Illi dan l-artiklu jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara ghall-kundizzjonijiet provduti fil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali;
>
> "Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni";

53. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Carmelo Vella *et* vs. Kummissarju tal-Pulizija *et***, datata l-**24 ta' Settembru, 2010**, li ssosstni s-segwenti:

> "Dan l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jafferma tliet principji distinti, jigiefieri;
>
> "Dak kontenut f'paragrafu 1 jenuzja in via generali li kulhadd ghandu jirrispetta d-dritt ta' proprjeta` ta' haddiehor;
>
> "F'dan il-paragrafu hemm stabbilit ukoll il-principju li l-privazzjoni tal-proprjeta` ghandha ssir taht kundizzjonijiet ben definiti;
>
> "Taht il-paragrafu 2, imbaghad hemm rikonoxxut lill-Istat il-poter jew id-dritt li jirregola l-uzu tal-beni in konformita` ma' l-interess generali;
>
> "Bejn it-tliet principji hemm rapport strett u l-gudikant ghandu jassigura ruhu li l-ahhar tnejn huma applikabbli qabel ma jippronunzja ruhu fuq l-okkorrenza tal-ewwel.

It-tieni u t-tielet principji jassumu riljev billi in tema ta' vjolazzjoni ta' dritt ta' proprjeta`, ghandhom jigu interpretati fid-dawl tal-ewwel principju (**Litgow and Others v. U.K.** (1987)";

54. Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta pacifiku li s-saga in dizamina li ilha issa tizviluppa mill-1996 hi naxxenti minn debitu kospikwu li r-rikorrenti akkumulaw maz-zmien favur il-bank intimat;

55. Illi ghalhekk fil-kaz in dizamina, l-gustifikazzjoni specifikata fl-artiklu riprodott aktar qabel taht dan il-Kap, tirrizulta abbundantement assodata;

56. Illi jirrizulta pacifiku li l-procedura tas-subbasta addottata mill-bank intimat fil-konfront tar-rikorrenti ttiehdet unikament biex taghmel tajjeb ghad-dejn akkumulat mir-rikorrenti li wasal fl-istadju li tant ikun inkontrollabbli li qatt ma seta' jigi saldat mill-istess rikorrenti;

57. Illi l-ahhar trunciera biex il-bank intimat jissalvagwarda l-interessi tieghu kienu biss iz-zewg (2) proprjetajiet li r-rikorrenti kien ghad kellhom, li bihom setghu jaghmlu tajjeb ghad-dejn minnhom akkumulat, (ara foll 2, paragrafu numru 5, Rikors Guramentat Numru 370/2010);

58. Illi kien ghalhekk minhabba l-intransigenza tal-intimati li l-istess bank intimat kien kostrett jintavola l-procedura tal-bejgh bl-irkant *stante* li din kienet l-ahhar opportunita` li kien baqghalu biex jirkupra l-ammonti li kien sellef lir-rikorrenti u li taghhom dawn baqghu jipprezentaw kull tip t'ostaklu biex jirrifondu l-istess skont il-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu minnhom konkluzi favur il-bank intimat;

59. Illi ghalhekk il-procedura in dizamina intrapriza mill-bank intimat biex legittimament jitutela l-interessi tieghu skont il-ligi hi wahda legittima u gustifikata, u ma tistax hlief li tkun avallata minn din il-qorti;

60. Illi d-dejn li r-rikorrenti akkumulaw kien jeccedi l-€500,000.00, (ara paragrafu numru tlieta punt erbgha punt erbgha, (3.4.4.), aktar qabel), u konsegwentement kien ferm akbar mill-valur tal-proprjeta` in dizamina li inbieghet bis-subbasta wara

offerta *animo compensandi* tal-bank intimat komplessivament ammontanti ghal €283,000.00, (ara foll 123);

61. Illi minkejja s-suespost ir-rikorrenti ghad ghandhom jaghtu l-ammont ta' €378,450.14 lill-bank intimat, (ara foll 123);

62. Illi *di piu`*, *nonostante*, il-lanjanza taghhom hawn ezaminata r-rikorrenti ma ipprovawx li minkejja kollox huma garrbu xi piz eccessiv u sproporzjonat hlief dak li gabu huma stess b'idejhom;

63. Illi konsegwentement, anke din it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

64.0. Illi finalment jonqos issa biss li jigu ezaminati l-ahhar zewg (2) lanjanzi, senjatament:

64.1. L-Artiklu 5 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara paragrafu numru wiehed u sittin, (61.), aktar 'l quddiem);

64.2. L-Ordni tal-Iffrizar, (ara paragrafu numru erbgha u sittin, (64.), aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

**A. L-Artiklu 5 tal-Kap 373, (Hasil ta' Flus):**

65. Illi l-artiklu 5(1) (b) tal-Kap in dizamina jistabbilixxi s-segwenti:

> "Meta persuna tigi akkuzata taht l-artikolu 3, il-qorti ghandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni taghmel ordni –
>
> > "li jipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi, jaghti b'rahan, jipoteka jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli";

66. Illi ssir ukoll referenza ghall-artiklu 5(1) (b) (a) tal-istess Kap li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Izda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –
>
> "tawtorizza l-hlas ta' djun li jkollhom jithallsu mill-akkuzat lil kredituri *bona fide* u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni";

67. Illi ghandu jkun pacifiku li l-ordni ta' iffrizar rilaxxat fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti tal-Magistrati kompetenti kellha ovvjament l-effett li r-rikorrenti Saviour Micallef fil-konfront ta' min kienet indirizzata ma setghax jitrasferixxi l-ebda proprjeta` mobbli jew immobbli li seta' kellu;

68. Illi ghalhekk anke din l-ordni ta' iffrizar, rilaxxata kif kienet *ai termini* tal-artiklu 5 tal-Kap 373 fuq riportat, mhix in vjolazzjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fuq gia` ezaminat;

Ikkunsidrat:

**B. L-Ordni tal-Iffrizar:**

69. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsosstnu li kien proprju dan l-ordni li eventwalment wassal ghall-bejgh bis-subbasta tar-residenza u l-ghalqa tar-rikorrenti;

70. Illi pero` il-bank intimat jikkontrobatti billi jsosstni li s-sitwazzjoni ipprecipitat billi r-rikorrenti, waqt li akkumulaw somma sostanzjali ta' dejn fil-konfront tieghu, kienu qed jippruvaw jeludu l-obbligi taghhom li jhallsu l-ammont minnhom dovut;

71. Illi jirrizulta li l-hrug tal-ordni ta' iffrizar kontra l-intimat Saviour Micallef kien rizultat ta' proceduri ta' natura kriminali indirizzati fil-konfront tieghu u ghalhekk indipendentement mill-procedura naxxenti mid-dejn civili minnhu akkumulat;

72. Illi in effetti, l-proceduri dedotti mill-bank intimat kontra r-rikorrenti li eventwalment wasslu ghall-bejgh bis-subbasta in dizamina kienu rizultat tal-inadempiment tal-obbligi tar-rikorrenti li naqqsu ghal snin shah milli jippruvaw ihallsu lill-

bank intimat l-ammont kospikwu ta' debitu minnhom akkumulat fil-konfront tieghu;

73. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li s-subbasta inizzjata mill-bank intimat hi procedura, separata, indipendenti u differenti mill-ordni ta' iffrizar li hi ordni naxxenti mhux minn procedura ta' natura civili bhas-subbasta *de quo* izda minn procedura ta' natura kriminali u fdata f'idejn il-Qorti tal-Magistrati u mhux f'idejn il-bank intimat li ghaliha hu kompletament estraneu;

74. Illi jigi sottolineat ukoll li l-ittra ufficjali fuq riferita numru 1151/2008 tirrizulta li kienetipprezentata mill-bank intimat fit-23 t'April, 2008, u notifikata kemm lir-rikorrenti Saviour Micallef u lis-socjeta` *The Veg Point Limited*, mentri l-ordni ta' iffrizar mahrug mill-Qorti kompetenti fuq riferit, liema ordni hi ordni ezekuttiva – kien rilaxxat fid-9 ta' Settembru, 2009, u allura wara d-data li fiha saret it-talba ghall-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta` *de quo* tar-rikorrenti mill-bank intimat, u ghalhekk indipendentement mill-istess;

75. Illi *di piu`*, jirrizulta pacifiku li kemm l-ordni ta' iffrizar kif ukoll l-ordni ghall-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta` tar-rikorrenti kienu ordnijiet li hargu wara talbiet legittimi, u allura t-tnejn jirrizultaw li kienu skont il-ligi;

76. Illi ghalhekk jigi wkoll sottolineat li z-zewg ordnijiet hawn in dizamina inhargu fil-limiti permissibbli mill-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fuq gia` ezaminat, (ara paragrafu numru tnejn u hamsin, (52.), aktar qabel);

77. Illi konsegwentement, l-element tal-legalita` hemm stabbilit jirrizulta li kien debitament sodisfatt;

Ikkunsidrat:

78. Illi finalment jigi wkoll ribadit li minn ezami tal-atti tas-subbasta Numru 82/2009 ma tirrizulta l-ebda illegalita`;

79. Illi konsegwentement, tenut kont tas-suespost, jirrizulta li r-rikorrenti naqqsu li jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom fir-rigward tal-illegalita` tal-istess minnhom emfasizzata, u

ghalhekk, it-talbiet taghhom ma jimmeritawx is-sostenn ta' din il-qorti;

Ikkunsidrat:

80. Illi jirrizulta pacifiku li c-cirkostanzi fattwali rizultanti jinkwadraw perfettament fl-eccezzjoni kontemplata fl-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fuq riprodotta *stante* li jirrizulta assodat li fl-operat tal-bank intimat hawn ezaminat intlahaq bilanc xieraq u ekwu bejn l-iskop li l-ligi qed tipprotegi u d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-possedimenti tieghu;

Ikkunsidrat:

81. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-interferenza riskontrata fit-tgawdija tal-proprjeta` tar-rikorrenti kienet wahda legali, naxxenti minn nuqqas tal-istess rikorrenti li jagixxu fit-termini tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali minnhom espressament u liberament assunti;

82. Illi ghalhekk l-azzjonijiet mehuda mill-bank intimat biex jipprotegi l-interessi legittimi tieghu kienu fil-limiti tal-espressjoni ta' skopijiet legittimi u legali necessarji f'socjeta` demokratika;

83. Illi s-sovranita` tad-dritt qatt ma tista' tittollera abbuz finanzjarju li jilledi l-istituzzjoni li tkun wara kollox qed tghin lil min temporanjament ikollu bzonn l-ghajnuna taghha;

84. Illi konsegwentement tali proceduri intraprizi mill-bank intimat jirrizultaw li kienu intizi esklussivament biex jittutelaw id-drittijiet legittimi tieghu li wara kollox liberament issottometta ghalihom l-istess rikorrenti Saviour Micallef;

85. Illi b'hekk, il-mizuri hawn ezaminati li ttiehdu mill-bank intimat fil-limiti fuq delineati ma jammontawx ghal interferenza in vjolazzjoni tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fuq riferit;

86. Illi konsegwentement, anke din it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

87. Illi ghalhekk ukoll, ghandha tigi akkolta il-hames (5) eccezzjoni tal-bank intimat, (ara foll 15);

Ikkunsidrat:

88.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti m'ipprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

88.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

88.2. Tirrespingi wkoll it-tliet (3) eccezzjonijiet preliminari sollevata mill-intimat Avukat Generali;

88.3. Takkolji r-risposti inoltrati mill-bank intimat;

88.4. Takkolji wkoll l-eccezzjonijiet numru tnejn (2) u tlieta (3) sollevati fil-mertu mill-intimat Avukat Generali;

88.5. Illi in vista tal-premess tiddikjara li m'hemm xejn x'jinghad dwar ir-raba' (4) eccezzjoni sollevata mill-istess intimat Avukat Generali;

88.6. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**